**Id-don**

Alla li jista' kollox
Tassew hu Missier ħanin,
Li dejjem jara x'jagħmel
Biex isalva lill-bnedmin.

Araw x'għaqal kbir għandu
Jagħni lil kull iben w bint,
Bid-doni mqaddsa tiegħu
Jagħtik id-don, int min int.

Għax dad-don jagħtihulek?
Jekk mhux biex int inti tużah?
U jekk minflok tmur tidfnu
Kif jista' b'ieħor jafdah?

Le, le, ħi użah id-don
Li tak b'imħabba l-Mulej,
Għax bih għad tferraħ sewwa
Fiż-żmien t'issa w ta' li ġej.

Bid-don tiegħek għad tfarraġ
Ħafna qlub tant minfudin,
Bid-don tiegħek tagħmilhom
B'abbundanza ferħanin.

Tinsiex li d-don li għandek
Fih hemm Alla Missierek,
Li għax jafdak tahulek
Għalhekk miegħu ixxierek.

U tibda' tara meta
Tħaddmu kemm jagħmillek ġid,
Mintix tinduna li bih
Missierek isalvak irid!

Mela, ħaddmu u ħaddmu
La tieqafx mqar għall-mument,
Ħekk tgħix ħajtek qasira
Bl-akbar ferħ għaliex kuntent.

Meta tidher quddiemu
Fuqu għid li se jsaqsik,
Int trid toħroġ mażetta
Għax kulħadd se jidħak bik?

Isma' minnU, fis ħaddmu
Għax id-don hu l-imħabba,
Li taħfer w tibqa' taħdem
Anki meta titgħabba.

Ftakar ukoll li kejlU
Differenti minn tagħna,
Isa, ħaddmu dak id-don
Biex miegħek għad jistagħna;

Min se jkollu x-xorti
Li jsir jafek, jafda fik,
Iddi ħija b'tbissima
Ġenna hemm lesta għalik.

Għax int id-don użajtu
Biex bih tfarraġ l-imnikket,
Ħieni int bniedem għaref
Bik Ġesù l-ħażen sikket.

Bid-don li tak kemm żera'
Żrieragħ ta' paċi w sliem,
Kemm bnedmin għad iberkuk
Għall-ħajjithom kollha l-jiem.

Patri Mario Attard OFM Cap
28 ta' Mejju 2022

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.